.

# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Is-Seba' Legislatura

Laqgħa Numru 6/2018

9 ta' Mejju 2018

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fil-5:30 pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Carlo Stivala | Kunsillier |
| Joanna Abdilla: | Kunsilliera |
| Publio Abdilla: | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

6.1 Qari tal-Ittri ta' apoloġiji

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla kienet ser titardja ftit.

6.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

6.2.1 Is-Sindku qal li kien ser jagħti update fuq punt ref 4.2.9. Huwa qal illi kien iltaqa' ma sid il-Convenience Shop li ma kienx jixtieq li nwaħħlu kamera. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien diga' qabel illi jekk Triq Dun Karm Lia ssir One Way (ma jitilgħux karozza l-fuq) din tkun tista' tgħin sabiex titaffa l-kongestjoni ta' traffiku li jkun hemm fil-kantuniera fejn il-Convenience Stores. Is-Sindku qal ukoll illi meta jibda x-xogħol fi Triq il-Kuċċard forsi tkun diffiċli li Triq Dun Karm Lia ssir One Way pero' dwar dan kien diga' talab lill-Perit ta' Triq il-Kuccard biex isir meeting rigward traffic management qabel jibda x-xoghol. Allura sar qbil li nitkellmu ma' Transport Malta sabiex Triq Dun Karm Lia tiġi temporanjament one-way. Il-Kunsill qabel ukoll illi għandna nsaqsu għal aktar sorveljanza u naplikaw għal kameras sabiex ikollna sorveljanza aħjar.

6.2.2 Il-kunsillier is-Sur Publius Abdilla staqsa rigward item ref 4.2.3 fejn kienet saret il-marka fejn ġejja l-bokka. Is-Sindku qal illi minħabba ż-żjara tal-Isqof kien ssuġġerixxa illi l-bokka ma ssirx dak il-ħin u ssir l-ġimgħa ta' wara. Is-Sindku qal illi l-Water Services Corporation ser jagħmlu l-bokka li ser tkun b'saħħitha biżżejjed sabiex jgħaddi t-traffiku minn fuqha u ma tkunx tħabbat. Huwa qal ukoll illi l-vent xorta jkun irid isir u li kien ser isir mill-kuntrattur.

6.2.3 Is-Sindku qal illi ref punt 4.2.10 kien tkellem mal-kuntrattur pero' konna għad irridu niltaqgħu miegħu minħabba l-kontijiet tal-bandli.

Il-Kunsilliera is-Sinjorina Joanna Abdilla daħlet għal-laqgħa fil-18:05

6.2.4 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi d-dokument tat-tender tar-road maintenance kienet lestietu u li kienet bagħtitu d-dipartiment għall-approvazzjoni.

6.2.5 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-kuntratt għal Triq San Tumas issa kien lest minn kollox, tal-Water Services diġa' kienu biddlu s-servizzi tal-mains u kull ma kien fadal kien il-permess minn naħa ta' Transport Malta sabiex inkunu nistgħu nibdew.

6.2.6 Il-Viċi Sindku qal illi ref punt 4.3.6 għandha tiġi l-excavating b'kollox. Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li kien tkellem mas-Sur Mario Salerno fuq is-siġar tal-bakkaljaw, li kien qallu illi s-siġar taċ-ċitru għandhom iċ-ċans li jitlaqqmu sabiex jiġu siġar taċ-ċitru.

6.2.7 Il-kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa x'inhu l-prejudizju ref punt 4.2.13. Is-Sindku qal illi kien bla ebda pregudizju għal ftehim li kien sar fuq il-mozzjoni illi l-ewwel triq ġdida u minnghajr isem li nkunu ser insemmu, tissemma għal ex-Sindku s-Sur Pietru Pawl Busuttil.

6.2.8 Il-Kunsillier is-Sur Carlo Stivala staqsa jekk konniex infurmajna lill-iskola rigward l-bitħa tal-iskola. Huwa qal illi ż-żebgħa tar-ramel hija l-irħas li wieħed jista' jagħmel pero meta taplikaha din tiġi qisha sandpaper. Is-Sur Carlo Stivala qal illi l-aħjar żebgħa li għandha tintuża għal bitħa hija dik tal-lastiku pero' mbagħad l-ispiża togħla mmens.

6.2.9 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi l-STOP SIGN ref punt 4.3.8 diġa kienet waqgħet. Is-Sindku qal illi kienet waħlet il-mera ukoll f'din it-triq.

6.2.10 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi fejn ir-roundabout ħdejn iċ-ċimiterju mar-razzett kien hemm tabella rasha l-isfel.

6.2.11 Is-Sindku staqsa rigward ir-restawr taċ-Ċentru Parrokjali. Id-Deputat Segretarju qalet illi kienet bagħtet l-applikazzjoni tal-Arms pero' għaliha kellna bżonn il-permess minn-naħa tal-Planning Authoirty. Hija qalet ukoll illi l-kumpanija Melita kienu jimxu mal-wires tad-dawl, allura dawn ser jiċċaqilqu flimkien.

6.2.12 Il-Viċi Sindku qal forsi nistgħu nitolbu l-kappillan pont tad-dawl sabiex issir kamera sabiex nagħmlu sorveljanza għal min qiegħed jitfa' l-garbage bags ħdejn iċ-Ċentru.

6.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

6.3.1 Is-Sindku qal illi t-tender tat-triq l-isfel minn Ġnien Sir Alexander Ball li ser tkun asfaltata minn Transport Malta ħarġet f'żewġ partijiet, parti mill-bore hole sat-triq ta' Birżebbugia u parti mill-Ġnien sal-Bore hole. It-tender tal-parti mill-Bore Hole sat-triq ta' Birzebbuġia kien intrebaħ minn Barbros, filwaqt illi t-tieni tender huwa mminenti li jintrebaħ.

Id-Deputat Segretarju qalet l-illi konna rċievejna sabiex l-adjudication m'għadniex obligati li jsir minn nies professjonali u li nistgħu nerġgħu nibdew niġġudikawh bħala Kunsill. Hija qalet ukoll li allura l-aġġudikar tal-Period Contract għat-toroq u bankini issa konna ser niggudikawh ahna.

6.3.2 Is-Sindku qal illi kien ser jagħti l-aħħar update fuq Qamar il-Għasel li għandha ssir nhar il-Ħamis 7 ta' Ġunju. Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus qal illi s-Sur Roderick Cachia (l-organiser) kien avviċinah darba sabiex jieħi ħsieb l-ikel għal din il-festa, pero' qatt ma kien reġa' avviċinah sabiex jikkonkludu x'għandu jagħmel. Is-Sur Callus qal li issa huwa kien ibbukja xogħol ieħor. Is-Sindku ta' xi dettalji ta' l-attivitajiet li ser isiru waqt din il-festa.

6.3.3 Is-Sindku qal illi l-permess sabiex Triq tal-Palma ma jgħaddux vetturi kbar minnha ġiet approvata minn Transport Malta. Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi għandna nerġgħu nagħmlu l-linji għal parkeġġ f'din l-istess triq.

6.3.4 Is-Sindku qal illi l-grass cutter qiegħda itina problemi kbar u l-ħin kollu bil-ħsara. Huwa qal illi jissuġerixxi illi jekk jerġa jieqaf, ma nerġgħux insewwuh u nixtru wieħed ġdid. Il-Kunsill qabel.

6.3.5 Is-Sindku qal illi kienet avviċinatu mara sabiex faċċata tal-ħanut li fetħet Sensara jitneħħew żewġ parkeġġi sabiex tal-linja tkun tista' tgħaddi komda. Is-Sindku qal illi huwa kien mar sabiex jara kif jgħaddu tal-linja meta l-parkeġġ ikun mimli u qal li tal-linja tgħaddi sew. Il-Kunsill ma qabilx li għandu jitneħħa dan il-parkeġġ.

6.3.6 Is-Sindku qal illi persuna fi Triq ta' Rqajja qiegħda tilminita li f'din it-triq l-karozzi qed isuqu b'veloċita' kbira u li tissuġerixxi li għandha ssir sleeping police. Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi l-problema f'din it-triq hija illi tkun ipparkjata fuq iż-żewġ naħat. Il-Kunsillier is-Sur Carlo

Stivala qal illi fejn tidjieq it-triq forsi jistgħu isiru double yellow lines sabiex ma jsir parkjar. Il-problema hija li sleeping police hadd ma jkun iridha quddiemu. Il-Kunsill jemmen li biex tehel sleeping police ghandhom jaqblu bejniethom il-girien u ssir dikjarazzjoni ffirmata quddiem min se teħel.

6.3.7 Is-Sindku qal illi l-kumpanija GHRC fejn jaħdem il-Perit Stefan Cassar għandhom mal-erbgħin siġra taż-żebbuġ li jridu jiġu trasferiti għal post ieħor. Din il-kumpanija qiegħda toffri li dawn is-siġar jitħawlu f'Ħal Safi fl-area ta' Gawhar u jsir fence madwar iċ-ċint sabiex ikunu aktar protetti spejjeż għalihom. Is-Sindku qal illi aħna bħala Kunsill nkunu rridu nieħdu ħsieb li nsaqquhom speċjalment għall-ewwel sena sabiex dawn ma jmutux. Il-Kunsillier Carlo Stivala ssuġerixxa illi meta dawn jitħawlu jħallu passaġġ fin-nofs forsi l-quddiem inkunu nistgħu nagħmlu l-bankijiet sabiex tinħoloq bħal family park. Il-Kunsill qabel ma din l-inizjattiva.

6.3.8 Is-Sindku qal illi avviċinatu persuna li qiegħda tgħid illi Triq ta' Rqajja qiegħdin jipparkjaw fil-kantuniera b'detrement li l-karozzi ġejjin minn oppost jibqgħu ġejjin għal fuqek u għalhekk tissuġġerixxi li jsiru double yellow lines mal-kantuniera. Is-Sindku qal illi jekk min jipparkja fil-kantuniera ikun qiegħed joħloq inkonvinjent jew ikun hemm issue ta' sigurta' fit-toroq għandhom isiru d-double yellow lines. Il-Kunsill qabel illi l-ewwel għandna nivverifikaw fuq il-post.

6.3.9 Is-Sindku qal illi avviċinatu Janice tas-Sensara sabiex meta jkun hawn it-turisti tarma' bħal stand/karettun fi Triq Santa Marija bis-souveniers għat-turisti li jiġu jżuru Ħal Safi. Is-Sindku qal illi hija lesta li tagħti 5% mill-qligħ tagħha lil Kunsill.  Il-Kunsill qabel li ntuha l-permess sabiex tarma.

6.3.10 Is-Sindku qal illi daħallu suġġeriment sabiex Triq Ħlantun minn Qerd in-Naħal għal triq tal-Ajżar issir One Way. Ma kienx hemm qbil fuq din il-proposta.

6.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

6.4.1 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet jekk il-madum li niżel f'Misraħ Ħlantun kienx tranġa. Is-Sindku kkonferma illi kienet tranġa pero' jidher illi l-madum kien reġa' niżel.

6.4.2 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi fil-bandli l-bankijiet kienu nqalgħu u ma reġgħux tweħlu. Is-Sindku kkonferma illi dawn ser jerħlu meta jeħlu l-arbli tad-dawl sabiex il-kuntrattur iġib il-magna li tħaffer darba. Hija staqsiet jekk konniex ser inżidu aktar bandli għaliex qabel kien hemm aktar pero' s-Sindku qal li żidna play equipment differenet minflok.

6.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi fi Triq San Gwann jekk ikun hemm karozza pparkjata il-fuq mill-kaxxa s-safra, l-coach veru ma tkunx tista' ddur. Huwa qal ukoll illi  min għandu l-kaxxa s-safra għandu jipparkja ġo fiha għaliex hemm it-triq titwessa' ftit.

6.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi fi Sqaq t'Amparelll fuq il-bankijiet hemm siġra li tant kibret li min ikun fuq il-bank x'ħin iqum żgur li jaħbat rasu, għalhekk issuġerixxa li għandha tinzabar.

6.4.5 Il-Kunsillier is-Sur Carlo Stivala qal illi quddiem Ġnien ta' Ball fejn hemm il-bankijiet reġa wasal għal tindifa.

6.4.6 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi l-bicycle racks li hemm fil-bandli issa m'għandhomx n jibqgħu hemm minħabba t-tfal. Il-Kunsill qabel illi għandhom jeħlu f'Misrah San Mattew. Is-Sur Publio Abdilla ssuġerixxa ukoll illi l-bike racks jeħlu parallel mal-bankina sabiex ma tantx jieħdu spazju.

6.4.7 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa fejn konna wasalna rigward ir-rack sabiex jinġabru l-ħwejjeġ.

6.4.8 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi konna rċievejna żewġ talbiet sabiex isiru żewġ tiġrijiet fi Triq Carmelo Caruana. Il-Kunsill qabel illi kull meta tajna permess sabiex isiru tiġrijiet bħal dawn dejjem kienu kolloborazzjoni mal-Kunsill. Il-Kunsill ma qabilx illi jingħalqu t-toroq sakemm isiru t-tiġrijiet għaliex inkunu qiegħdin noħolqu inkonvinjent għar-residenti.

6.5 Rapporti

6.5.1 Approvazzjoni tal-First Quarterly Financial Report 2018

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet l-ewwel Quarterly Financial Statements Q1 (Jannar – Marzu 2018. Dan ġie approvat biex jiġi uploadjat.

6.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

6.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduata li jmiss.

Il-laqgħa ntemmet fil- 8.15 pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar il-Ħamis 14 ta' Ġunju 2018 fis-2:00pm.

Johan Mula
Sindku

Doris Baldacchino
Deputat Segretarju Ezekuttiv